**STQARRIJA TAL-KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET SOĊJALI TAL-PARLAMENT**

***Il-Kumitat Parlamentari dwar l-Affarijiet Soċjali japprova it-tielet dokument tal-11-il Leġislatura – Aġġornament tal-Aħħar Tagħlim Etiku u Morali fuq il-Prokreazzjoni Assistita – Evalwazzjoni tar-Rapport tal-10 Leġislatura.***

Wara r-rapport komprensiv ippublikat mill-Kumitat Parlamentari dwar l-Affarijiet Soċjali tal-10 Leġislatura f'Ġunju tal-2005 intitolat '*L-Użu tal-Bijoteknoloġija: Teknoloġija Ġenetika u Prokreazzjoni Assistita'*, il-Kumitat tal-11-il Leġislatura qabel li jaġġorna l-għarfien tiegħu dwar l-aħħar tagħlim etiku u morali fuq il-prokreazzjoni assistita. Il-Membri ddeċidew li jagħtu attenzjoni lid-dokument '*Dignitas Personae'*, pubblikat f'Diċembru tal-2008 mill-Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi tal-Vatikan.

Għaldaqstant, ġie mistieden ir-Rev. Prof. Emanuel Agius, Dekan tal-Fakultà tat-Teoloġija, għalliem tal-Etika Filosofika u t-Teoloġija Morali. Huwa wkoll membru fil-Kumitat Nazzjonali tal-Bijoetika u fil-*European Group of Ethics in Science and New Technologies* li jaqa' direttament taħt il-President Barroso.

Rev. Agius identifika tliet proposti li d-dokument tal-10 Leġislatura jħallihom miftuħin għad-diskussjoni u għal aktar stħarriġ, kemm tal-esperti u anke tal-opinjoni pubblika. Dawn jinkludu:

1. Liema koppji ser ikunu eliġibbli għas-servizzi tal-prokreazzjoni assistita;
2. L-iffriżar tal-embrijuni; u
3. Id-donazzjoni ta' gameti minn terzi persuni.

Dan ir-rapport tal-11-il Leġislatura għaldaqstant ġie maħsub biex jgħin il-politiku jagħraf aħjar ir-responsabiltà tad-deċizjonijiet tiegħu marbuta mal-prinċipji ta' moralità kif imressqa lill-Kumitat mir-Rev Prof Agius. Il-mistoqsijiet li jrid ikompli jistaqsi l-politiku f'din id-diskussjoni jitfgħu responsabiltà fuqu sabiex jieħu deċiżjoni li tkun ibbażata fuq il-ġid komuni, il-valur tal-bniedem, tal-familja u ż-żwieġ.

Dan ir-rapport hu aċċessibbli minn fuq il-websajt tal-Parlament www.parliament.gov.mt fis-sezzjoni Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali.

Din il-laqgħa tal-Kumitat tmexxiet mill-President tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali, l-Onor Edwin Vassallo u pparteċipaw fid-diskussjoni l-Onor Francis Agius, l-Onor Frederick Azzopardi, l-Onor Justyne Caruana, l-Onor Michael Farrugia, l-Onor Michael Gonzi, l-Onor Stephen Spiteri u l-Onor Anthony Zammit.

**DOI – 26.10.2009**